

21.2.2024

A9-0403/74

**Emenda 74**

**Anna Fotyga, Charlie Weimers**  
f' isem il-Grupp ECR

**Rapport**

**A9-0403/2023**

**Sven Mikser**

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023  
(2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 46a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***46a. Jiddispijaci li filwaqt li l-Kummissjoni qed tkompli tonfoq il-fondi tal-UE fuq miżuri differenti relatati mal-migrazzjoni, li wrew li huma ineffettivi u f'xi każijiet saħansitra detrimental għall-isforzi biex jiġu skoraġġuti l-migranti u tiġi miġġielda l-istrumentalizzazzjoni tagħhom, hija tirrifjuta li tappoġġa u tirrimborża l-ostakli fiżiċi fil-fruntieri esterni tal-UE;***

Or. en

21.2.2024

A9-0403/75

**Emenda 75**  
**Anna Fotyga**  
f' isem il-Grupp ECR

**Rapport**  
**Sven Mikser**

**A9-0403/2023**

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023  
(2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 47**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

47. Jistieden, f' dak ir-rigward, lill-Istati Membri kollha jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew dwar l-indhila barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-diżinformazzjoni<sup>23</sup>;

47. Jistieden, f' dak ir-rigward, lill-Istati Membri **u l-pajjiżi kandidati għall-UE** kollha jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew dwar l-indhila barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-diżinformazzjoni<sup>23</sup>;

---

<sup>23</sup> (2020/2268(INI)) *and* (2022/2075(INI)); [https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2022-0064\\_MT.html](https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2022-0064_MT.html); [https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0219\\_MT.html](https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0219_MT.html).

---

<sup>23</sup> (2020/2268 (INI)) *u* (2022/2075 (INI)); [https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2022-0064\\_MT.html](https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2022-0064_MT.html); [https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0219\\_MT.html](https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0219_MT.html).

Or. en

**Emenda 76****Anna Fotyga**

f' isem il-Grupp ECR

**Rapport****A9-0403/2023****Sven Mikser**

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023 (2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 57***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

57. Jikkundanna l-politiki **ta' aggressjoni, inkluż l-attakk militari ppjanat minn qabel tal-Ażerbajġan kontra** Nagorno-Karabakh; ifakkar li **dan l-attakk isegwi** xhur ta' ġuħ **u ta' iżolament organizzati tal-Armeni li jgħixu f' Nagorno-Karabash permezz tal-imblukkar** tal-kuritur ta' Lachin; jissottolinja li l-hekk imsejħa forzi taż-żamma tal-paċi Russi fuq il-post ma ħadu l-ebda azzjoni biex jipprevjenu jew itemmu l-imblukkar jew iwaqqfu **l-attakk** militari tal-Ażerbajġan **kontra Nagorno-Karabakh; jikkundanna l-appoġġ militari pprovdut minn pajjiżi terzi lill-Ażerbajġan; jinsab serjament imħasseb dwar il-konsegwenzi fuq il-popolazzjoni ċivili li jirrappreżentaw tindif etniku de facto; itenni l-fehma tiegħu li l-attakk imwettaq mill-Ażerbajġan ma jistax jibqa' mingħajr konsegwenzi, u jitlob lill-UE tieħu sanzjonijiet kontra l-awtoritajiet Azerbajġani responsabbli għal bosta ksur ta' waqfien mill-ġlied u tissospendi l-Memorandum ta' Qbil dwar l-Enerġija; jitlob lill-UE tissospendi n-negozjati dwar ftehim ta' sħubija ġdid mal-Ażerbajġan fid-dawl ta' avvenimenti reċenti u sitwazzjoni drammatika tal-pajjiż dwar id-drittijiet tal-bniedem;**

57. Jikkundanna l-politiki **li wasslu għall-kunflitt** dwar Nagorno-Karabakh **u li żammewh għaddej għal dawn l-aħħar deċennji**; ifakkar li **l-użu tal-forza mill-Ażerbajġan, li wettaq offensiva militari mhux provokata sabiex jerġa' jikseb bil-forza l-kontroll fuq it-territorju tiegħu ta' Nagorno-Karabakh rikonoxxut internazzjonalment, kien preċedut minn** xhur ta' **imblokk organizzat** tal-kuritur ta' Lachin **u ntemm bl-eżodu tal-popolazzjoni Armena tar-reġjun**; jissottolinja li l-hekk imsejħa forzi taż-żamma tal-paċi Russi fuq il-post ma ħadu l-ebda azzjoni biex jipprevjenu jew itemmu l-imblukkar jew iwaqqfu **l-offensiva** militari tal-Ażerbajġan; **jenfasizza l-importanza ta' miżuri għall-bini tal-fiduċja u f'dan ir-rigward jilqa' l-iskambji reċenti ta' priġunieri; jilqa' l-isforzi tal-mexxejja tal-Armenja u tal-Ażerbajġan biex jaħdmu lejn in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi, u jistieden lis-SEAE jappoġġja liż-żewġ naħat fi triqithom lejn il-kisba ta' ftehim storiku ta' paċi; jistieden liż-żewġ naħat, kif ukoll lill-komunità internazzjonali, jibqgħu viġilanti u jirrifjutaw kwalunkwe tentattiv u provokazzjoni minn barra bil-għan li ż-żewġ pajjiżi ma jitħallewx jilhqqu ftehim ta' paċi deġġiemi; jjenfasizza li l-ostilitajiet li reġgħu bdew fil-Kawkasu tan-**

*Nofsinhar huma kawża ta' tħassib serju u juru l-ħtieġa ta' involviment aktar proattiv tal-UE fir-reġjun; jinsab imħasseb li l-prospetti għan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan għadhom fraġli, u din hija r-raġuni għaliex l-UE għandha tappoġġja u tħeġġeġ liż-żewġ naħat fi triqithom biex jilħqu dan l-għan, inkluż billi toffri l-prospett ta' integrazzjoni aktar mill-qrib mal-UE jekk jiddeċiedu li jsegwu dik it-triq;*

Or. en

21.2.2024

A9-0403/77

**Emenda 77**  
**Anna Fotyga**  
f' isem il-Grupp ECR

**Rapport**  
**Sven Mikser**

**A9-0403/2023**

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023  
(2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 58**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

58. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien ta' Missjoni ċivili tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA), li l-għan tagħha hu li tgħin iżżid is-sigurtà fir-reġjun billi tnaqqas l-għadd ta' inċidenti fiż-żoni affettwati mill-kunflitt u tal-fruntiera fl-Armenja, li tnaqqas il-livell ta' riskji għall-popolazzjoni li tgħix f'tali żoni u b'hekk tikkontribwixxi għan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan fil-prattika, filwaqat li fl-istess ħin iżżid il-viżibbiltà tal-UE fir-reġjun; jistieden lill-Kunsill iżid l-għadd ta' esperti skjerati bħala parti mill-EUMA, iżid il-kapaċità tal-missjoni u jestendi l-perjodu ta' żmien tal-iskjerament tagħha għal ħames snin oħra ***u l-ambitu ġeografiku tagħha biex potenzjalment jinkludi l-fruntiera bejn l-Armenja u t-Turkija;***

58. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien ta' Missjoni ċivili tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA), li l-għan tagħha hu li tgħin iżżid is-sigurtà fir-reġjun billi tnaqqas l-għadd ta' inċidenti fiż-żoni affettwati mill-kunflitt u tal-fruntiera fl-Armenja, li tnaqqas il-livell ta' riskji għall-popolazzjoni li tgħix f'tali żoni u b'hekk tikkontribwixxi għan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan fil-prattika, filwaqat li fl-istess ħin iżżid il-viżibbiltà tal-UE fir-reġjun; jistieden lill-Kunsill iżid l-għadd ta' esperti skjerati bħala parti mill-EUMA, iżid il-kapaċità tal-missjoni u jestendi l-perjodu ta' żmien tal-iskjerament tagħha għal ħames snin oħra;

Or. en

21.2.2024

A9-0403/78

**Emenda 78**  
**Anna Fotyga**  
f' isem il-Grupp ECR

**Rapport**  
**Sven Mikser**

**A9-0403/2023**

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023  
(2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 60**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

60. *Jistieden lill-Kunsill ikun* lest jimponi sanzjonijiet immirati u individwali kontra l-awturi ta' aggressjoni, inkluż iżda mhux limitati *għall-grupp politiku* u militari *tal-President Aliyev, u jissospendi* l-importazzjonijiet taż-żejt u tal-gass *mill-Ażerbajġan, fil-każ ta' kwalunkwe aggressjoni militari kontra l-integrità territorjali tal-Armenja mill-Ażerbajġan;*

60. *Jilqa' l-isforzi reċenti lejn in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Ażerbajġan u l-Armenja; jenfasisza, madankollu, li fost il-kwistjonijiet pendentijiet bejn iż-żewġ ġirien hemm innuqqas ta' ftehim dwar il-fruntiera kondiviża tagħhom; jappoġġja r-riżoluzzjoni paċifika ta' din il-kwistjoni permezz tal-ħidma tal-kummissjoni bilaterali tal-fruntieri; jenfasisza, madankollu, li fil-każ tal-falliment ta' dan il-proċess u t-tiġdid tal-ostilitajiet, speċjalment kwalunkwe aggressjoni fit-territorju ta' pajjiż ġar, il-Kunsill jehtigelu jkun* lest *li* jimponi sanzjonijiet immirati u individwali kontra l-awturi tal-aggressjoni, inkluż iżda mhux limitat *għat-tmexxija politika* u militari, *u fil-każ tal-Ażerbajġan, li jissospendi* l-importazzjonijiet taż-żejt u tal-gass *lejn l-Ewropa;*

Or. en

**Emenda 79**  
**Anna Fotyga**  
 f' isem il-Grupp ECR

**Rapport**  
**Sven Mikser**

A9-0403/2023

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023  
 (2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 62**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

62. Itenni l-appoġġ tal-UE għas-sovranità u l-integrità territorjali tar-Repubblika tal-Moldova u ***għall-isforzi fil-qafas tal-proċess ta' negozjati 5+2 biex tinstab soluzzjoni politika paċifika, dejjiema, komprensiva u politika għall-kunflitt tat-Tranżnistrija, ibbażata fuq ir-rispett tas-sovranità u l-integrità territorjali tar-Repubblika tal-Moldova fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment, bi status speċjali għat-Tranżnistrija, li tkun tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem anke fit-territorji li bħalissa ma humiex ikkontrollati mill-awtoritajiet kostituzzjonali***; jesprimi tħassib li t-Tranżnistrija għadha sservi bħala post ta' kenn sikur għat-traffikanti tal-bnedmin u għall-kriminalità organizzata, filwaqt li jirrikonoxxi li l-Missjoni tal-UE ta' Assistenza fil-Fruntiera bejn il-Moldova u l-Ukrajna (EUBAM) għandha rwol importanti biex tgħin ħalli jerġa' jinfetaħ it-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija mit-Tranżnistrija u pprevjeniet bosta operazzjonijiet ta' ***kutrabandu***;

62. Itenni l-appoġġ tal-UE għas-sovranità u l-integrità territorjali tar-Repubblika tal-Moldova u ***l-isforzi tagħha biex tintegra mill-ġdid ir-reġjun tat-Tranżnistrija fil-pajjiż; jistieden lill-Federazzjoni Russa tirtira minnufih il-forzi tagħha mir-reġjun***; jesprimi tħassib li t-Tranżnistrija ***taħt l-okkupazzjoni Russa*** għadha sservi bħala post ta' kenn sikur għat-traffikanti tal-bnedmin u għall-kriminalità organizzata, filwaqt li jirrikonoxxi li l-Missjoni tal-UE ta' Assistenza fil-Fruntiera bejn il-Moldova u l-Ukrajna (EUBAM) għandha rwol importanti biex tgħin ħalli jerġa' jinfetaħ it-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija mit-Tranżnistrija u pprevjeniet bosta operazzjonijiet ta' ***kuntrabandu***;

Or. en

**Emenda 80**  
**Anna Fotyga**  
 f' isem il-Grupp ECR

**Rapport**  
**Sven Mikser**

A9-0403/2023

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023  
 (2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 64**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

64. Jikkundanna bil-qawwa l-okkupazzjoni illegali tar-reġjuni tal-Georgia tal-Abkażja u tat-Tskhinvali/tal-Ossezja tan-Nofsinhar mill-Federazzjoni Russa u jisħaq li l-Federazzjoni Russa qed tkompli bl-okkupazzjoni illegali tagħha u bil-kontroll effettiv fuq it-territorji okkupati tal-Georgia permezz tal-preżenza militari tagħha, l-installazzjoni kontinwa ta' ċnut tal-fildiferru mxewwek u barrieri artifiċjali oħra tul il-linja ta' okkupazzjoni, detenzjonijiet illegali frekwenti u ħtif ta' ċittadini mill-Georgia u ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem fuq il-post; jistieden lill-Federazzjoni Russa tissodisfa l-obbligi internazzjonali tagħha skont il-ftehim ta' waqfien mill-ġlied medjat mill-UE tat-12 ta' Awwissu 2008, b'mod partikolari l-obbligu tagħha li tirtira l-persunal militari u ta' sigurtà kollu tagħha mit-territorji okkupati Georgjani u tippermetti l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' sigurtà internazzjonali fihom, u tippermetti lill-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea (EUMM) aċċess mingħajr xkiel għat-territorju kollu Georgjan skont il-mandat tagħha; itenni l-appelli tiegħu lill-UE biex tkompli ssegwi l-impenn tagħha għar-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitt bejn ir-Russja u l-Georgia billi tuża b'mod effettiv l-istrumenti kollha disponibbli, inkluż ir-Rappreżentant Speċjali għall-

64. Jikkundanna bil-qawwa l-okkupazzjoni illegali tar-reġjuni tal-Georgia tal-Abkażja u tat-Tskhinvali/tal-Ossezja tan-Nofsinhar mill-Federazzjoni Russa u jisħaq li l-Federazzjoni Russa qed tkompli bl-okkupazzjoni illegali tagħha u bil-kontroll effettiv fuq it-territorji okkupati tal-Georgia permezz tal-preżenza militari tagħha, l-installazzjoni kontinwa ta' ċnut tal-fildiferru mxewwek u barrieri artifiċjali oħra tul il-linja ta' okkupazzjoni, detenzjonijiet illegali frekwenti u ħtif ta' ċittadini mill-Georgia u ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem fuq il-post;  
***jikkundanna bil-qawwa l-pjanijiet tar-Russja li tibni bażi navali permanenti fil-port tal-Baħar l-Iswed ta' Ochamchire fir-reġjun okkupat tal-Abkażja u jistieden lill-komunità internazzjonali tappoġġja l-isforzi kollha biex tikkastiga dan il-ksur gravi tas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Georgia;*** jistieden lill-Federazzjoni Russa tissodisfa l-obbligi internazzjonali tagħha skont il-ftehim ta' waqfien mill-ġlied medjat mill-UE tat-12 ta' Awwissu 2008, b'mod partikolari l-obbligu tagħha li tirtira l-persunal militari u ta' sigurtà kollu tagħha mit-territorji okkupati Georgjani u tippermetti l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' sigurtà internazzjonali fihom, u tippermetti lill-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea (EUMM) aċċess mingħajr



Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Georgia, id-Diskussjonijiet Internazzjonali ta' Ġinevra, il-Mekkaniżmi għall-Prevenzjoni u r-Rispons għall-Inċidenti, il-EUMM, u l-politika tagħha tan-nuqqas ta' rikonoxximent u involviment; jilqa' l-assistenza tal-UE lill-Georgia fl-ambitu tal-EPF u jappella lill-UE biex timpenja ruħha aktar fil-kooperazzjoni fis-sigurtà mal-Georgia fl-oqsma prijoritarji identifikati fil-Boxxla Strateġika, b'mod partikolari biex issaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur tas-sigurtà tal-Georgia fil-qasam tal-ġestjoni tal-kriżijiet, jiġi miġġieled it-theddid ibridu u jittejbu l-kapaċitajiet tad-difiża;

xkiel għat-territorju kollu Georgjan skont il-mandat tagħha; itenni l-appelli tiegħu lill-UE biex tkompli ssegwi l-impenn tagħha għar-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitt bejn ir-Russja u l-Georgia billi tuża b'mod effettiv l-istrumenti kollha disponibbli, inkluż ir-Rappreżentant Speċjali għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Georgia, id-Diskussjonijiet Internazzjonali ta' Ġinevra, il-Mekkaniżmi għall-Prevenzjoni u r-Rispons għall-Inċidenti, il-EUMM, u l-politika tagħha tan-nuqqas ta' rikonoxximent u involviment; jilqa' l-assistenza tal-UE lill-Georgia fl-ambitu tal-EPF u jappella lill-UE biex timpenja ruħha aktar fil-kooperazzjoni fis-sigurtà mal-Georgia fl-oqsma prijoritarji identifikati fil-Boxxla Strateġika, b'mod partikolari biex issaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur tas-sigurtà tal-Georgia fil-qasam tal-ġestjoni tal-kriżijiet, jiġi miġġieled it-theddid ibridu u jittejbu l-kapaċitajiet tad-difiża;

Or. en

**Emenda 81**  
**Anna Fotyga**  
 f' isem il-Grupp ECR

**Rapport**  
**Sven Mikser**

A9-0403/2023

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023  
 (2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 72**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

72. Jilqa' s-sejbiet u l-livell għoli ta' ambizzjoni fir-rakkomandazzjonijiet proposti fl-istrateġija spazjali l-ġdida tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża; iqis li l-aċċess sikur, sigur u **awtonomu** għall-ispazju huwa aspett kritiku tas-sigurtà u d-difiża tal-UE, kif muri mill-importanza tiegħu fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna; jilqa', f'dak ir-rigward, il-proposta stabbilita fl-istrateġija għat-tfassil ta' dokument ta' analiżi tat-theddid spazjali annwali klassifikat;

72. Jilqa' s-sejbiet u l-livell għoli ta' ambizzjoni fir-rakkomandazzjonijiet proposti fl-istrateġija spazjali l-ġdida tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża; iqis li l-aċċess sikur, sigur u **mhux imxekkel** għall-ispazju huwa aspett kritiku tas-sigurtà u d-difiża tal-UE, kif muri mill-importanza tiegħu fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna; jilqa', f'dak ir-rigward, il-proposta stabbilita fl-istrateġija għat-tfassil ta' dokument ta' analiżi tat-theddid spazjali annwali klassifikat; **ihēgēg kooperazzjoni trans-Atlantika aktar mill-qrib dwar l-ispazju sabiex jiġu żgurati sħubijiet immirati lejn l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' teknoloġija konġunta fil-qasam spazjali għas-sigurtà u d-difiża komuni tagħna; jistieden lill-Istati Membri u lill-alleati jindirizzaw it-theddida dejjem tikber tal-użu tal-ispazju bħala arma, b'mod partikolari r-rapporti reċenti dwar l-avvanzi tar-Russja fit-teknoloġija tal-armi nukleari bbażata fl-ispazju, li jikkostitwixxu ksur sfaċċat tat-Trattat dwar l-Ispazju Extratmosferiku tal-1967; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-komunità internazzjonali tirtira minn kwalunkwe forma ta' kooperazzjoni mal-Federazzjoni Russa fil-qasam spazjali, fl-oqsma fejn għadha ma għamlitx dan;**

Or. en

21.2.2024

A9-0403/82

**Emenda 82**  
**Anna Fotyga**  
f' isem il-Grupp ECR

**Rapport**  
**Sven Mikser**

**A9-0403/2023**

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023  
(2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 82**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

82. Jilqa' l-aġġornament tal-Istrateġija Marittima u tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE u l-impenn li jissaħħaħ ir-rwol tal-Unjoni bħala fornitur tas-sigurtà marittima internazzjonali; jilqa' l-fatt li r-rieżami jinkludi t-tisħiħ tal-operazzjonijiet navali attwali; huwa kuntent li l-aġġornament jipproponi li jiġu esplorati żoni ġodda ta' interess fuq il-baħar li fihom jiġi implimentat il-kunċett tas-CMP abbażi tal-esperjenza miksuba fil-Golf tal-Guinea u fl-Oċean Indjan tal-Majjistral; jistieden lill-Istati Membri jinvolvu ruħhom b'mod attiv f'dawk l-inizjattivi u jibnu l-kapaċitajiet navali militari tagħhom bil-għan li jtejbju l-preżenza u l-viżibbiltà tal-UE fil-Mediterran, fil-Baħar l-Iswed, fl-Atlantiku, fl-Indo-Paċifiku u fis-settur marittimu globali;

82. Jilqa' l-aġġornament tal-Istrateġija Marittima u tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE u l-impenn li jissaħħaħ ir-rwol tal-Unjoni bħala fornitur tas-sigurtà marittima internazzjonali; jilqa' l-fatt li r-rieżami jinkludi t-tisħiħ tal-operazzjonijiet navali attwali; huwa kuntent li l-aġġornament jipproponi li jiġu esplorati żoni ġodda ta' interess fuq il-baħar li fihom jiġi implimentat il-kunċett tas-CMP abbażi tal-esperjenza miksuba fil-Golf tal-Guinea u fl-Oċean Indjan tal-Majjistral; jistieden lill-Istati Membri jinvolvu ruħhom b'mod attiv f'dawk l-inizjattivi u jibnu l-kapaċitajiet navali militari tagħhom bil-għan li jtejbju l-preżenza u l-viżibbiltà tal-UE fil-Mediterran, fil-Baħar l-Iswed, fl-Atlantiku, fl-Indo-Paċifiku u fis-settur marittimu globali ***kif ukoll sabiex jindirizzaw b'mod effettiv it-theddiet u l-isfidi fil-Baħar Baltiku;***

Or. en

21.2.2024

A9-0403/83

**Emenda 83**  
**Anna Fotyga**  
f' isem il-Grupp ECR

**Rapport**  
**Sven Mikser**

**A9-0403/2023**

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023  
(2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 83**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

83. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata s-sigurtà tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed billi tingħata għajnuna fit-tneħħija tal-mini fl-ilma baħar tal-Ukrajna u biex l-Istati Membri jiġu mħeġġa joffru eżerċizzji ta' taħriġ f' dan ir-rigward b' enfasi fuq l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' kejl kontra l-mini marittimi u l-protezzjoni kritika tal-infrastruttura ta' qiegħ il-baħar;

83. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata s-sigurtà tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed billi tingħata għajnuna fit-tneħħija tal-mini fl-ilma baħar tal-Ukrajna u biex l-Istati Membri jiġu mħeġġa joffru eżerċizzji ta' taħriġ f' dan ir-rigward b' enfasi fuq l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' kejl kontra l-mini marittimi u l-protezzjoni kritika tal-infrastruttura ta' qiegħ il-baħar;  
***jissottolinja li teknoloġija simili għandha tiġi ttestjata u implimentata f'ibħra Ewropej oħra li fihom, il-problema ta' munizzjon mhux splodut u armi kimiċi mormija fis-seklu preċedenti diġà tikkostitwixxi theddida għas-sigurtà, l-ambjent, is-saħħa u l-ekonomija, bħal fil-Baħar Baltiku, fil-Baħar Adrijatiku u fil-Baħar tat-Tramuntana; jistieden lill-Kummissjoni żżid il-finanzjament biex tindirizza din l-isfida dejjem tikber;***

Or. en